



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

13860/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0350(NLE)

PECHE 418

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Ottubru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 578 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2024

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 578 final.

Mehmuż: COM(2023) 578 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.10.2023
COM(2023) 578 final

2023/0350 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2024

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (“ir-Regolament Bażiku dwar il-PKS”)¹ ifittex li jiżgura li r-riżorsi ħajjin tal-baħar jiġu sfruttati b’kundizzjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali sostenibbli. Għodda importanti f’dan ir-rigward hija l-iffissar annwali tal-opportunitajiet tas-sajd. Ir-Regolamenti kollha dwar l-opportunitajiet tas-sajd iridu jillimitaw il-ħsad tal-istokkijiet tal-ħut għal livelli konsistenti mal-objettivi kumplessivi tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS).

L-objettiv ta’ din il-proposta huwa li tiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet u gruppi ta’ stokkijiet fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed.

F’konformità mal-pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Punent tal-Mediterran², din il-proposta tipproponi li jiġu ffixxati l-opportunitajiet tas-sajd għall-Istati Membri kkonċernati (Spanja, Franza u l-Italja), mogħtija f’termini tal-isforz tas-sajd massimu permissibbli u l-limiti massimi ta’ qbid għall-gambli.

Din il-proposta tipproponi wkoll li jiġu ffixxati l-opportunitajiet tas-sajd skont il-ftehimiet li ntlaħqu fil-qafas tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM), li hija organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd responsabbli għall-konservazzjoni u għall-ġestjoni tar-riżorsi ħajjin tal-baħar fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed. L-Unjoni Ewropea hija membru tal-GFCM flimkien mal-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, Franza, il-Greċja, l-Italja, Malta, ir-Rumanija, is-Slovenja u Spanja. Il-miżuri adottati fil-qafas tal-GFCM huma vinkolanti fuq il-membri tagħha.

Fl-aħħar nett, din il-proposta tipproponi li tiġi ffixxata kwota awtonoma għal-laċċa kaħla fil-Baħar l-Iswed sabiex ma jiżdiedx il-livell attwali tal-mortalità mis-sajd. Timplimenta wkoll il-qabda totali permissibbli (TAC) u l-kwoti għall-barbun imperjali fid-dritt tal-Unjoni, kif stabbiliti mill-GFCM.

L-objettiv aħħari tal-proposta huwa li jintlaħqu u jinżammu l-livelli tal-istokkijiet li jkunu jistgħu jwasslu għal rendiment massimu sostenibbli (MSY). Il-pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-punent tal-Mediterran huwa maħsub biex jikseb mortalità mis-sajd fil-livell tal-MSY fuq bażi progressiva u inkrementali sal-2020 meta possibbli, u sa mhux aktar tard mill-1 ta’ Jannar 2025.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta’ politika

Il-miżuri proposti huma mfasslin f’konformità mal-objettivi u r-regoli tal-PKS.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċizzjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

² Ir-Regolament (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 508/2014 (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 1).

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-miżuri proposti huma konsistenti mal-politiki l-oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-politiki fil-qasam tal-ambjent.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika ta' din il-proposta hija l-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(d) tat-TFUE. Għaldaqstant, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għaliex il-PKS hija politika komuni ħalli kull baċir tal-baħar reġjonali tal-UE (eż. il-Baltiku, il-Mediterran) ikun is-suġġett ta' Regolament dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd u b'hekk jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fl-implimentazzjoni tal-PKS. L-Artikolu 43(3) tat-TFUE jirrikjedi li l-Kunsill jadotta l-miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.

Il-proposta talloka l-opportunitajiet tas-sajd lill-Istati Membri. Skont l-Artikolu 16(6) u (7) u l-Artikolu 17 tar-Regolament Bażiku dwar il-PKS, l-Istati Membri huma liberi li jiddeċiedu kif l-opportunitajiet tas-sajd allokati lilhom jistgħu jiġu allokati lill-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom f'konformità ma' ċerti kriterji stabbiliti f'dawk l-Artikoli. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom il-marġni ta' diskrezzjoni meħtieġ filwaqt li jqassmu l-opportunitajiet tas-sajd allokati, f'konformità mal-mudelli soċjali u ekonomiċi tagħhom.

- **Għażla tal-istrument**

Regolament hu meqjus l-aktar strument xieraq għax permezz tiegħu jkunu jistgħu jiġu stabbiliti rekwiżiti li japplikaw direttament għall-Istati Membri u għall-operaturi ekonomiċi rilevanti. Dan se jgħin biex ikun żgurat li r-rekwiżiti jiġu implimentati fil-ħin u b'mod armonizzat, u jwassal għal aktar ċertezza legali.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-partijiet interessati ġew ikkonsultati permezz tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill *Sajd sostenibbli fl-UE: is-sitwazzjoni attwali u l-orjentazzjonijiet għall-2024* (COM(2023) 303 final).

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-valutazzjoni tal-istat tal-istokkijiet fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed hija bbażata fuq l-iktar ħidma riċenti tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd u l-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv tal-GFCM dwar is-Sajd.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-Artikolu 43(3) tat-TFUE jillimita l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolamenti dwar l-opportunitajiet tas-sajd.

Il-pjan pluriennali għas-sajd tal-ħut tal-qiegħ fil-punent tal-Mediterran introduċa reġim tal-isforz tas-sajd biex tiġi indirizzata l-problema tas-sajd żejjed fis-sajd tal-qiegħ fil-punent tal-Mediterran. Barra minn hekk, l-Artikolu 7(3)(b) tal-pjan pluriennali jipprevedi l-possibbiltà li t-tnaqqis fl-isforz tas-sajd jista' jiġi ssupplimentat bi kwalunkwe miżura teknika jew ta' konservazzjoni oħra adottata f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, sabiex tinkiseb il-mortalità mis-sajd stmata, li b'xejra tas-sajd partikolari u bil-kundizzjonijiet ambjentali medji attwali, jipprovdi r-rendiment massimu fit-tul (Fmsy) sal-1 ta' Jannar 2025. Abbażi tal-parir xjentifiku, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/110 (ir-Regolament dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd tal-2022)³ introduċa reġim tal-isforz għall-bastimenti tas-sajd bil-konz u limiti ta' qbid għall-gambli, u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/195 (ir-Regolament dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd tal-2023)⁴ żamm dak ir-reġim.

Fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti mill-GFCM fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed, din il-proposta tipproponi l-implimentazzjoni tal-miżuri miftiehma fil-livell internazzjonali. Kull element li jista' jkun rilevanti għall-valutazzjoni tal-impatti possibbli li l-opportunitajiet tas-sajd jista' jkollhom, jiġi ttrattat fil-faġi ta' tħejjija u twettiq tan-negozjati internazzjonali li matulhom jintlaħaq qbil mal-pajjiżi terzi dwar l-opportunitajiet tas-sajd tal-Unjoni.

Il-proposta ma tirriflettix biss tħassib għall-futur qarib, iżda wkoll approċċ iktar fit-tul, li permezz tiegħu l-isforz tas-sajd jiġi adattat bil-mod il-mod għal livelli li jkunu sostenibbli fit-tul.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali u b'mod partikolari dawk rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni baġitarja.

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/110 tas-27 ta' Jannar 2022 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2022 (ĠU L 21, 31.1.2022, p. 165).

⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/195 tat-30 ta' Jannar 2023 dwar l-iffissar għall-2023 tal-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed (ĠU L 28, 31.1.2023, p. 220).

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-monitoraġġ u l-konformità se jiġu żgurati f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009⁵.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-proposta tipproponi l-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd għall-2024 għal ċerti stokkijiet jew gruppi ta' stokkijiet fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed, b'mod partikolari:

A. Implimentazzjoni tal-pjan ta' ġestjoni pluriennali tal-punent tal-Mediterran

Skont il-pjan pluriennali għas-sajd tal-qiegħ fil-punent tal-Mediterran, il-Kunsill jeħtieġ jistabbilixxi sforz tas-sajd massimu permissibbli għall-bastimenti tat-tkarkir li jisfruttaw l-istokkijiet demersali fil-punent tal-Mediterran, għal kull grupp tal-isforz tas-sajd, skont l-Istat Membru u għall-gruppi tal-istokkijiet fl-Anness I tal-pjan.

Fl-2022, il-parir xjentifiku kemm mill-STEFCF kif ukoll mill-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv tal-GFCM irrakkomanda li sabiex jinkiseb l-MSY għall-istokkijiet demersali fil-punent tal-Mediterran, jeħtieġ tittieħed azzjoni mill-aktar fis u jiġi adottat tnaqqis reali fil-mortalità mis-sajd. L-istokkijiet tal-merluzz u stokk wieħed tal-gambli bojod tant ġew sfruttati żżejjed li l-STEFCF stmahom f'livell taħt B_{lim} , li huwa l-punt tar-referenza tal-limitu, mogħti bħala bijomassa tal-istokk riproduttiv u previst fl-aħjar parir xjentifiku disponibbli, b'mod partikolari mill-STEFCF, jew minn korps xjentifiku indipendenti simili rikonoxxut fil-livell tal-Unjoni jew dak internazzjonali, li taħtu jista' jkun hemm kapaċità riproduttiva mnaqqsa.

L-STEFCF (STEFCF-22-11 u PLEN-22-03) ta l-parir li kien meħtieġ approċċ olistiku, li jgħaqqad il-miżuri tal-isforz kemm għall-bastimenti tat-tkarkir kif ukoll għall-bastimenti tas-sajd bil-konz u l-limiti ta' qbid għall-gambli bojod, biex titnaqqas b'mod urġenti l-mortalità mis-sajd, b'mod partikolari għall-istokkijiet tal-merluzz u tal-gambli bojod. Dan l-approċċ ġie implimentat permezz tar-Regolamenti dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd tal-2022 u tal-2023, u l-Kummissjoni tipproponi li tkompli timplimenta tali approċċ fl-2024.

Din il-proposta tinkludi sensiela ta' "*pro memoria*" (pm) għal-livell tal-isforz tas-sajd, kif ukoll il-livell ta' qabdiet, u se titlesta fi stadju aktar tard meta l-parir tal-STEFCF ikun disponibbli.

Barra minn hekk, sabiex jiġi promoss l-użu tas-selettività tal-irkapti u jiġu stabbiliti żoni ta' għeluq effiċjenti ħalli jiġu protetti il-frieħ tal-ħut u l-ħut riproduttiv, ir-Regolament dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd tal-2023 żamm il-mekkaniżmu ta' kumpens rigward ir-reġim tal-isforz għall-bastimenti tat-tkarkir stabbilit bir-Regolament dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd tal-2022. Il-Kummissjoni tipproponi li jinżamm dan il-mekkaniżmu fl-2024.

B. Miżuri tal-GFCM applikabbli fil-Baħar Mediterran

- Limiti tal-ħsad tas-sajd u limiti fuq l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-qroll aħmar fil-Baħar Mediterran kollu (GSAs minn 1 sa 27)

⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1–50)

- Limiti massimi ta' qbid għall-gamblu abjad kif ukoll sforz tas-sajd massimu permissibbli u kapaċità tal-flotta għall-merluzz fil-Fliegu ta' Sqallija (GSAs minn 12 sa 16)
- Kapaċità tal-flotta massima u limiti ta' qbid għall-gamblu aħmar kbir u l-gamblu aħmar fil-Fliegu ta' Sqallija (GSAs minn 12 sa 16), il-Baħar Jonju (GSAs minn 19 sa 21) u l-Baħar Levantin (GSAs minn 24 sa 27)
- Livell massimu ta' qbid u għadd massimu ta' konzijiet u xliet għall-paġella ħamra fil-Baħar Alboran (GSAs minn 1 sa 3)
- Miżuri għall-istokkijiet pelaġiċi żgħar skont il-pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-2021 tal-GFCM għall-ispeċijiet pelaġiċi żgħar fil-Baħar Adrijatiku (GSAs 17 u 18)

Il-Kummissjoni tipproponi li fl-2024 titkompla l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-pjan, li jsegwi approċċ f'żewġ stadji, b'perjodu tranżizzjonali ta' 3 snin segwit b'miżuri fit-tul għal perjodu ta' 5 snin.

L-2024 hija t-tielet sena tal-perjodu tranżizzjonali u l-Kummissjoni tipproponi li titkompla l-implimentazzjoni tal-limiti ta' qbid bis-sehem intern tranżizzjonali bejn l-Italja u l-Kroazja u r-riżerva tranżizzjonali għas-Slovenja, kif ukoll il-limitu massimu tal-kapaċità tal-flotta għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża u l-bastimenti tat-tkarkir pelaġiċi li għandhom fil-mira l-istokkijiet pelaġiċi żgħar. Dan il-limitu massimu tal-kapaċità jenħtieġ li jkun l-istess bħal fir-Regolament dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd tal-2023 u bbażat fuq il-kapaċità rrapportata lill-GFCM fl-2014.

- Miżuri għall-istokkijiet demersali skont il-pjan ta' ġestjoni pluriennali tal-GFCM tal-2019 għall-ispeċijiet demersali fil-Baħar Adrijatiku (GSAs 17 u 18):

Fis-46 sessjoni annwali tagħha f'Novembru 2023, il-GFCM jenħtieġ li tadotta rakkomandazzjoni ġdida li għall-2024 jitnaqqas l-isforz tas-sajd għall-bastimenti bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ bid-diriġenti (OTB) u għall-bastimenti tat-tkarkir bit-travu (TBB). Il-proposta se tiġi aġġornata permezz ta' dokument informali bil-livelli tat-naqqis, wara s-sessjoni annwali tal-GFCM.

Il-kapaċità massima tal-flotta stabbilita bir-Regolament dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd tal-2023 jenħtieġ li tibqa' fis-seħħ għall-2024.

Il-proposta tinkludi sensiela ta' spazji riżervati għall-istokkijiet li għalihom il-miżuri tranżizzjonali tal-GFCM se jiskadu fi tmien l-2023 u li għalihom il-GFCM jenħtieġ li tadotta miżuri ġodda fis-46 sessjoni annwali tagħha f'Novembru 2023, bħal pereżempju rigward il-lampuki. Il-proposta se tiġi aġġornata permezz ta' dokument informali bil-miżuri l-ġodda, wara s-sessjoni annwali tal-GFCM.

C. Miżuri tal-GFCM applikabbli fil-Baħar l-Iswed

- Kwota awtonoma għal-laċċa kaħla, ibbażata fuq parir xjentifiku
- It-TAC u l-allokazzjoni tal-kwota għall-barbun imperjali skont il-pjan ta' ġestjoni pluriennali tal-GFCM tal-2017 għas-sajd tal-barbun imperjali, li jimplementa r-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/3 (GSA 29)

Rigward il-livelli tat-TAC u l-kwoti għall-barbun imperjali, il-proposta se tiġi aġġornata wara s-46 sessjoni annwali tal-GFCM f'Novembru 2023.

Ir-rakkomandazzjonijiet tal-GFCM sal-2017 ġew implimentati fid-dritt tal-Unjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 (kif emendat)⁶ u l-Kummissjoni ressqet proposta biex timplimenta r-Rakkomandazzjonijiet adottati mill-GFCM fl-2018 u fl-2019 (COM/2021/434 final), li dwarhom il-koleġislaturi laħqu qbil politiku f'Lulju 2023⁷.

Il-miżuri marbutin mal-opportunitajiet tas-sajd mil-lat funzjonali, bħall-għeluq fiż-żmien riproduttiv, huma parti minn din il-proposta peress li mingħajr dawn il-perjodi ta' għeluq (bħal dak għall-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed), l-opportunitajiet tas-sajd ma setgħux jiġu stabbiliti fl-istess livell. Kemm idum il-perjodu ta' għeluq jista' jvarja skont l-istat tal-istokk kif ivvalutat mill-parir xjentifiku.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96⁸ jistabbilixxi aktar kundizzjonijiet għall-ġestjoni minn sena għall-oħra tal-opportunitajiet tas-sajd inklużi, skont l-Artikoli 3 u 4 tiegħu, dispożizzjonijiet ta' flessibbiltà għall-istokkijiet soġġetti għal TACs prekawzjonarji u analitiċi, rispettivament. L-Artikolu 2 tiegħu jistipula li meta jiffissa t-TACs, il-Kunsill irid jiddeċiedi għal liema stokkijiet jenħtieġ li ma japplikawx l-Artikoli 3 u 4, b'mod partikolari abbażi tal-istatus bijoloġiku tal-istokkijiet. L-Artikolu 15(9) tar-Regolament Bażiku dwar il-PKS ukoll jistabbilixxi mekkaniżmu ta' flessibbiltà minn sena għall-oħra għall-istokkijiet kollha soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art. Għal din ir-raġuni kif ukoll biex tiġi evitata l-flessibbiltà eċċessiva li ddgħajef il-prinċipju tal-isfruttament razzjonali u responsabbli tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar u tfixxkel l-ilħuq tal-oġġettivi tal-PKS, jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplikaw biss meta l-Istati Membri ma jużawx il-flessibbiltà minn sena għall-oħra prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament Bażiku dwar il-PKS.

⁶ Ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran (ĠU L 347, 30.12.2011, p.44).

⁷ eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CONSIL:ST_11623_2023_INIT

⁸ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/mt/TXT/?qid=1694417686349&uri=CELEX:31996R0847>

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2024

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ jirrikjedi li jiġu adottati miżuri ta' konservazzjoni filwaqt li jitqiesu l-pariri xjentifiċi, tekniċi u ekonomiċi disponibbli, inkluż, meta jkunu rilevanti, rapporti mfassla mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF), kif ukoll kwalunkwe parir li jasal mingħand il-kunsilli konsultattivi.
- (2) Il-Kunsill se jadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, inkluż ċerti kundizzjonijiet marbuta mil-lat funzjonali ma' daww l-opportunitajiet tas-sajd, kif xieraq. Skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu f'fissati f'konformità mal-oġettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS), kif stabbilit fl-Artikolu 2(2) ta' dak ir-Regolament. L-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprevedi li l-opportunitajiet tas-sajd jenħteġ li jiġu allokati lill-Istati Membri b'tali mod li jiżguraw stabbiltà relattiva tal-attivitàjiet tas-sajd ta' kull Stat Membru għal kull stokk ta' ħut jew tip ta' sajd.
- (3) Għalhekk, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-qabdiet totali permissibbli (TACs) jenħteġ li jiġu stabbiliti abbażi tal-parir xjentifiku disponibbli, b'kunsiderazzjoni tal-aspetti bijoloġiċi u soċjoekonomiċi filwaqt li jiġi żgurat trattament ġust bejn is-setturi tas-sajd, kif ukoll fid-dawl tal-opinjoni espressi matul il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.
- (4) Ir-Regolament (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² stabbilixxa pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet demersali fil-punent tal-Baħar Mediterran (il-pjan). Il-pjan għandu l-għan li jinkiseb u jinżamm ir-rendiment massimu sostenibbli (MSY) għall-istokkijiet fil-mira, jiġi żgurat li l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar jirkupra l-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet maħsuda u jżommhom 'il fuq mil-livelli li jistgħu jipproduċu l-MSY.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

² Ir-Regolament (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 508/2014 (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 1).

- (5) F'konformità mal-Artikolu 4(1) tal-pjan, l-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet elenkati fl-Artikolu 1 ta' dak ir-Regolament jeħtieġ jiġu ffixxati b'mod li jiksibu mortalità mis-sajd fil-livell tal-MSY fuq bażi progressiva u inkrementali sal-2020 meta possibbli, u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2025. L-opportunitajiet tas-sajd jeħtieġ jingħataw bħala l-isforz tas-sajd massimu permissibbli għall-bastimenti tat-tkarkir u għall-bastimenti tas-sajd bil-konz, u ffixxati f'konformità mar-reġim tal-isforz tas-sajd stabbilit fl-Artikolu 7 tal-pjan, kif ukoll bħala limiti massimi ta' qbid għall-gamblu aħmar (*Aristeus antennatus*) u għall-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) fl-ilmijiet fondi, f'konformità mal-parir xjentifiku u mal-Artikolu 7(3), il-punt (b), tal-pjan.
- (6) [spazju riżervat għall-parir tal-STECF] Abbażi ta' dan il-parir, għall-2024, l-isforz tas-sajd massimu permissibbli għall-bastimenti tat-tkarkir fil-punent tal-Baħar Mediterran għalhekk jenħtieġ li jitnaqqas b'*pm* % meta mqabbel mal-linja bażi bejn l-2015 u l-2017, li jeħtieġ jitnaqqas mill-isforz tas-sajd massimu permissibbli stabbilit għall-2023 bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/195³.
- (7) [spazju riżervat għall-parir tal-STECF]. Abbażi tat-tali parir, għall-2024, l-isforz tas-sajd massimu permissibbli tal-bastimenti tas-sajd bil-konz għalhekk jenħtieġ li jkun *pm* meta mqabbel mal-linja bażi bejn l-2015 u l-2017.
- (8) [spazju riżervat għall-parir tal-STECF] Fid-dawl tal-parir xjentifiku, għall-2024, il-limiti massimi ta' qbid għall-gamblu aħmar fil-GSAs 1, 2, 5, 6 u 7 għalhekk jenħtieġ li jkun *pm* %.
- (9) [spazju riżervat għall-parir tal-STECF] Fid-dawl tal-parir xjentifiku, għall-2024, il-limiti massimi ta' qbid għall-gamblu aħmar fil-GSAs 8, 9, 10 u 11 jenħtieġ li jkunu *pm* %.
- (10) [spazju riżervat għall-parir finali tal-STECF] Għalhekk, f'konformità mal-Artikolu 7(3), il-punt (b), tal-pjan, jixraq li jibqgħu jiġu stabbiliti limiti massimi ta' qbid biex ir-reġim tal-isforz tas-sajd bit-tkarkir jiġi kkomplementat b'limiti massimi ta' qbid. Fid-dawl tal-parir xjentifiku, għall-2024, il-limiti massimi ta' qbid għall-gamblu aħmar kbir fil-GSAs 8, 9, 10 u 11 jenħtieġ li jkunu *pm* %.
- (11) Fit-43 laqgħa annwali tagħha fl-2019, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/5 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għas-sajd tal-qiegħ sostenibbli fil-Baħar Adrijatiku (is-subżoni ġeografiċi 17 u 18 tal-GFCM)⁴, li introduċiet reġim tal-isforz tas-sajd mill-2020 sal-2026 u livell limitu għall-kapaċità tal-flotta għal ċerti stokkijiet demersali. Għalhekk, għall-2024, daww il-miżuri jenħtieġ li jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.
- (12) [spazju riżervat għall-miżuri l-ġodda għall-istokkijiet demersali fil-Baħar Adrijatiku mis-46 sessjoni annwali tal-GFCM]
- (13) Fl-44 laqgħa annwali tagħha fl-2021, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/20 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet pelaġiċi żgħar fil-Baħar Adrijatiku (is-subżoni ġeografiċi 17 u 18 tal-

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/195 tat-30 ta' Jannar 2023 dwar l-iffissar għall-2023 tal-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/110 fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd għall-2022 applikabbli fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed (ĠU L 28, 31.1.2023, p. 220).

⁴ [Portal tal-Kumitat ta' Konformità \(CoC\) - REC.CM GFCM 43 2019 5-e.pdf - Id-dokumenti kollha \(sharepoint.com\)](https://sharepoint.com)

GFCM)⁵, li mill-2022 sal-2029 introduċiet livell massimu ta' qbid u limitu massimu tal-kapaċità tal-flotta relatat għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża u għall-bastimenti tat-tkarkir pelaġiku li għandhom fil-mira speċijiet pelaġiċi żgħar, b'deroga għall-flotot nazzjonali ta' inqas minn 10 bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża jew bastimenti tat-tkarkir pelaġiku attivi fis-sajd għall-istokkijiet pelaġiċi żgħar. Għalhekk, għall-2024, dawk il-miżuri jenħtieġ li jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.

- (14) [spazju riżervat għall-miżuri l-ġodda għall-istokkijiet pelaġiċi żgħar fil-Baħar Adrijatiku mis-46 sessjoni annwali tal-GFCM]
- (15) Filwaqt li jitqiesu l-partikolaritajiet tal-flotta Slovena u l-impatt marġinali tagħha fuq l-istokkijiet tal-ispeċijiet pelaġiċi żgħar u fuq l-istokkijiet demersali, u f'konformità mal-paragrafu 33 tar-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/20 u mal-paragrafu 13 tar-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/5, jixraq li jiġu ppreżervati x-xejriet tas-sajd eżistenti u li jiġi żgurat l-aċċess mill-flotta Slovena għal kwantità minima ta' speċijiet pelaġiċi żgħar u għal allokkazzjoni minima tal-isforz għall-istokkijiet demersali.
- (16) [Spazju riżervat għall-miżuri l-ġodda għall-qroll aħmar mis-46 sessjoni annwali tal-GFCM]
- (17) [spazju riżervat għall-miżuri l-ġodda għal-lampuka mis-46 sessjoni annwali tal-GFCM]
- (18) Fil-45 laqgħa annwali tagħha fl-2022, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/4 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-isfruttament sostenibbli ta' stokkijiet demersali fil-Fliegu ta' Sqallija (is-subżoni ġeografiċi minn 12 sa 16)⁶, li tħassar ir-Rakkomandazzjonijiet GFCM/44/2021/12 u GFCM/42/2018/5. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/4 introduċiet reġim ta' sforz għall-merluzz u limiti ta' qbid għall-gamblu abjad, kif ukoll l-iffriżar tal-kapaċità tas-sajd. Għall-2024, dik ir-Rakkomandazzjoni tipprevedi tnaqqis ta' 3 % fil-limiti ta' qbid għall-gamblu abjad. Għalhekk, sabiex dawk il-miżuri jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni, jenħtieġ li jitnaqqsu 3 % mil-limiti massimi ta' qbid permissibbli għall-gamblu abjad, stabbiliti għall-2023 bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/195.
- (19) Fil-45 laqgħa annwali tagħha fl-2022, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/5 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet tal-gamblu aħmar kbir u tal-gamblu aħmar fil-Fliegu ta' Sqallija (is-subżoni ġeografiċi minn 12 sa 16)⁷, li tħassar ir-Rakkomandazzjonijiet GFCM/44/2021/7 u GFCM/43/2019/6. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/5 introduċiet limitu ta' qbid u ffriżar tal-kapaċità tas-sajd. Għall-2024, dik ir-Rakkomandazzjoni tipprevedi tnaqqis ta' 3 % fil-limiti ta' qbid għall-gamblu aħmar kbir u għall-gamblu aħmar. Għalhekk, sabiex dawk il-miżuri jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni, jenħtieġ li jitnaqqsu 3 % mil-limiti massimi ta' qbid permissibbli għall-gamblu aħmar kbir u għall-gamblu aħmar, stabbiliti għall-2023 bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/195.
- (20) Fil-45 laqgħa annwali tagħha fl-2022, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/6 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet tal-gamblu aħmar kbir u tal-gamblu aħmar fil-Baħar Jonju (is-subżoni

⁵ [Portal tal-Kumitat ta' Konformità \(CoC\) - REC.CM_GFCM_44_2021_20-e.pdf - Id-dokumenti kollha \(sharepoint.com\)](#)

⁶ [Portal tal-Kumitat ta' Konformità \(CoC\) - REC.CM_GFCM_45_2022_4-e.pdf - Id-dokumenti kollha \(sharepoint.com\)](#)

⁷ [Portal tal-Kumitat ta' Konformità \(CoC\) - REC.CM_GFCM_45_2022_5-e.pdf - Id-dokumenti kollha \(sharepoint.com\)](#)

ġeografiċi minn 19 sa 21)⁸, li tħassar ir-Rakkomandazzjonijiet GFCM/44/2021/8 u GFCM/42/2018/4. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/6 introduċiet limitu ta' qbid u ffrizjar tal-kapaċità tas-sajd. Għall-2024, dik ir-Rakkomandazzjoni tipprevedi tnaqqis ta' 3 % fil-limiti tal-qbid għall-gamblu aħmar kbir u għall-gamblu aħmar. Għalhekk, sabiex daww il-miżuri jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni, jenħtieġ li jitnaqqsu 3 % mil-limiti massimi ta' qbid permissibbli għall-gamblu aħmar kbir u għall-gamblu aħmar, stabbiliti għall-2023 bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/195.

- (21) Fil-45 laqgħa annwali tagħha fl-2022, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/7 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet tal-gamblu aħmar kbir u tal-gamblu aħmar fil-Baħar Levantin (is-subżoni ġeografiċi minn 24 sa 27)⁹, li tħassar ir-Rakkomandazzjonijiet GFCM/44/2021/8 u GFCM/42/2018/4. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/7 introduċiet limitu ta' qbid u ffrizjar tal-kapaċità tas-sajd. Għall-2024, dik ir-Rakkomandazzjoni tipprevedi tnaqqis ta' 3 % fil-limiti tal-qbid għall-gamblu aħmar kbir u għall-gamblu aħmar. Għalhekk, sabiex daww il-miżuri jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni, jenħtieġ li jitnaqqsu 3 % mil-limiti massimi ta' qbid permissibbli għall-gamblu aħmar kbir u għall-gamblu aħmar, stabbiliti għall-2023 bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/195.
- (22) Fil-45 laqgħa annwali tagħha fl-2022, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/3 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-paġella ħamra fil-Baħar Alboran (is-subżoni ġeografiċi minn 1 sa 3)¹⁰, li tħassar ir-Rakkomandazzjonijiet GFCM/44/2021/4, GFCM/43/2019/2 u GFCM/41/2017/2. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/3 introduċiet livelli massimi ta' qbid għall-2023, l-2024 u l-2025, għadd massimu ta' konzijiet u xliet awtorizzati u miżuri ġodda għas-sajd rikreattiv. Għalhekk, sabiex daww il-miżuri jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni, jenħtieġ li jitnaqqsu 7 % mil-limiti massimi ta' qbid permissibbli għall-paġella ħamra, stabbiliti għall-2023 bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/195.
- (23) Fit-43 laqgħa annwali tagħha fl-2019, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/3¹¹ li temenda r-Rakkomandazzjoni GFCM/41/2017/4 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għas-sajd għall-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed (is-subżona ġeografika 29 tal-GFCM). Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/3 introduċiet mill-2020 sal-2024, TAC reġjonali aġġornata u skema ta' allokkazzjoni tal-kwoti għall-barbun imperjali, kif ukoll miżuri ta' konservazzjoni ulterjuri, b'mod partikolari perjodu ta' għeluq ta' xahrejn għas-sajd u limitazzjoni fuq il-jiem tas-sajd ta' 180 jum fis-sena. F'konformità mar-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/3, dawn il-miżuri ta' konservazzjoni ulterjuri huma marbuta mil-lat funzjonali mal-opportunitajiet tas-sajd, peress li mingħajr daww il-miżuri fis-seħħ, il-livell tat-TAC għall-barbun imperjali jkollu jitnaqqas biex jiġi żgurat l-irkupru tiegħu. Għalhekk, dawn il-miżuri jenħtieġ li jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.
- (24) [spazju riżervat għad-deċizzjoni ta' tiġdid għall-barbun imperjali mis-46 sessjoni annwali tal-GFCM]

⁸ [Portal tal-Kumitat ta' Konformità \(CoC\) - REC.CM_GFCM_45_2022_6-e.pdf - Id-dokumenti kollha \(sharepoint.com\)](#)

⁹ [Portal tal-Kumitat ta' Konformità \(CoC\) - REC.CM_GFCM_45_2022_7-e.pdf - Id-dokumenti kollha \(sharepoint.com\)](#)

¹⁰ [Portal tal-Kumitat ta' Konformità \(CoC\) - REC.CM_GFCM_45_2022_3-e.pdf - Id-dokumenti kollha \(sharepoint.com\)](#)

¹¹ [Portal tal-Kumitat ta' Konformità \(CoC\) - REC.CM_GFCM_45_2022_9-e.pdf - Id-dokumenti kollha \(sharepoint.com\)](#)

- (25) [spazju riżervat għad-deċiżjoni ta' trasferiment għall-barbun imperjali mis-46 sessjoni annwali tal-GFCM]
- (26) Abbażi tal-parir xjentifiku mogħti mill-Grupp ta' Ħidma tal-GFCM għall-Baħar l-Iswed, il-livell attwali tal-mortalità mis-sajd jenħtiegħ li jinżamm biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-istokk tal-laċċa kaħla fil-Baħar l-Iswed. Għalhekk jixraq li jitkompla l-istabbiliment ta' kwota awtonoma għal daww l-istokkijiet.
- (27) L-użu tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament huwa soġġett għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009¹², u b'mod partikolari għall-Artikoli 33 u 34 ta' dak ir-Regolament, fir-rigward tal-qabdiet u tal-isforz tas-sajd kif ukoll in-notifika tad-*data* dwar l-eżawriment tal-opportunitajiet tas-sajd. Għalhekk jeħtiegħ li jiġu speċifikati l-kodiċijiet li jridu jintużaw mill-Istati Membri meta jibagħtu d-*data* lill-Kummissjoni rigward il-*hatch* l-art tal-istokkijiet soġġetti għal dan ir-Regolament.
- (28) Sabiex jiġi promoss l-użu tas-selettività tal-irkapti u jiġu stabbiliti żoni ta' għeluq effiċjenti għall-protezzjoni tal-frieħ tal-*ħut* u l-*ħut* riproduttivi, ir-Regolament (UE) 2022/110 stabbilixxa mekkaniżmu ta' kumpens rigward ir-reġim tal-isforz għax-xbieki tat-tkarkir. Peress li fl-2024, l-STEFCF ikompli jirrakkomanda t-titjib ulterjuri tas-selettività u taż-żoni magħluqa b'mod effiċjenti biex jiġu protetti l-frieħ tal-*ħut*, jixraq li jiġu allokati *pm* % tal-jiem tas-sajd.
- (29) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96¹³ jipprevedi kundizzjonijiet addizzjonali għall-ġestjoni minn sena għall-oħra tat-TACs inkluż, skont l-Artikoli 3 u 4 tiegħu, dispożizzjonijiet dwar il-flessibbiltà għat-TACs prekawżjonari u analitiċi. Skont l-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament, meta jiġu stabbiliti t-TACs, il-Kunsill għandu jiddeċiedi liema stokkijiet mhux se jkunu soġġetti għall-Artikoli 3 u 4 ta' dak ir-Regolament, b'mod partikolari abbażi tal-istatus bijoloġiku tal-istokkijiet. Għalhekk, sabiex tiġi evitata flessibbiltà eċċessiva li ddgħajef il-prinċipju ta' sfruttament razzjonali u responsabbli tar-riżorsi bijoloġiċi haġġin tal-baħar, li tfixxkel l-ilħuq tal-oġġettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd u li tikkawża d-deterjorament tal-istatus bijoloġiku tal-istokkijiet, jenħtiegħ li jiġi stabbilit b'mod espliċitu li l-Artikoli 3(2), 3(3) u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplikaw biss għat-TACs analitiċi meta ma tintużax il-flessibbiltà minn sena għall-oħra prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.
- (30) Sabiex tiġi evitata l-interruzzjoni tal-attivitajiet tas-sajd u biex jiġi żgurat l-għajxien tas-sajjeda tal-Unjoni, dan ir-Regolament jenħtiegħ li japplika mill-1 ta' Jannar 2024. Għal raġunijiet ta' urġenza, dan ir-Regolament jenħtiegħ li jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

¹² Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

¹³ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kundizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tat-TAC u l-kwoti (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3.).

TITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li joperaw fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed li jisfruttaw l-istokkijiet tal-ħut li ġejjin:
 - (a) il-qroll aħmar (*Corallium rubrum*) u l-lampuka (*Coryphaena hippurus*) fil-Baħar Mediterran;
 - (b) il-gamblu aħmar (*Aristeus antennatus*), il-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*), il-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*), il-merluzz (*Merluccius merluccius*), l-iskampu (*Nephrops norvegicus*) u t-trilja tal-ħama (*Mullus barbatus*) fil-punent tal-Baħar Mediterran;
 - (c) l-inċova (*Engraulis encrasicolus*) u s-sardina (*Sardina pilchardus*) fil-Baħar Adrijatiku;
 - (d) il-merluzz (*Merluccius merluccius*), l-iskampu (*Nephrops norvegicus*), il-lingwata komuni (*Solea solea*), il-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*) u t-trilja tal-ħama (*Mullus barbatus*) fil-Baħar Adrijatiku;
 - (e) il-merluzz (*Merluccius merluccius*) u l-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*) fil-Fliegu ta' Sqallija;
 - (f) il-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) u l-gamblu aħmar (*Aristeus antennatus*) fil-Fliegu ta' Sqallija, fil-Baħar Jonju u fil-Baħar Levantin;
 - (g) il-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fil-Baħar Alboran;
 - (h) il-laċċa kaħla (*Sprattus sprattus*) u l-barbun imperjali (*Scophthalmus maximus*) fil-Baħar l-Iswed.
2. Dan ir-Regolament japplika wkoll għal attivitajiet tas-sajd oħrajn tal-Unjoni, inkluż is-sajd rikreattiv, meta huma msemmin b'mod espliċitu fid-dispożizzjonijiet rilevanti.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Barra minn hekk, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) “ilmijiet internazzjonali” tfisser l-ilmijiet barra mis-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' kwalunkwe Stat;
- (b) “sajd rikreattiv” tfisser attivitajiet tas-sajd mhux kummerċjali li jisfruttaw ir-riżorsi ħajjin tal-baħar għar-rikreazzjoni, it-turiżmu jew l-isport;
- (c) “qabda totali permissibbli” jew “TAC” tfisser:
 - (i) fis-sajd soġġett għall-eżenzjoni mill-obbligu ta' ħatt l-art imsemmija fl-Artikolu 15(4) sa (7) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-kwantità tal-ħut li jista' jinħatt l-art minn kull stokk kull sena;

- (ii) fis-sajd l-ieħor kollu, il-kwantità ta' ħut li jista' jinqabad minn kull stokk tul il-perjodu ta' sena;
- (d) "kwota" tfisser proporzjon tat-TAC allokata lill-Unjoni jew lil Stat Membru;
- (e) "kwota awtonoma tal-Unjoni" tfisser limitu ta' qbid allokat b'mod awtonomu lill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fin-nuqqas ta' TAC maqbula;
- (f) "kwota analitika" tfisser kwota awtonoma tal-Unjoni li għaliha hemm disponibbli valutazzjoni analitika;
- (g) "valutazzjoni analitika" tfisser evalwazzjoni kwantitattiva tax-xejriet fi stokk partikolari, ibbażata fuq id-*data* dwar il-bijoloġija u l-isfruttament tal-istokk, li rieżami xjentifiku indika li hija ta' kwalità biżżejjed biex ttipprovdi parir xjentifiku dwar l-għażliet għall-qabdiet futuri;
- (h) "irkaptu biex jinġabar il-ħut" jew "FAD" tfisser kwalunkwe tagħmir ankrat fuq wiċċ il-baħar bl-oġettiv li jattira l-ħut.

Artikolu 3 **Żoni tas-sajd**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet taż-żoni ġeografiki li ġejjin:

- (a) "subżoni ġeografiki tal-GFCM" tfisser iż-żoni definiti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴;
- (b) "il-Baħar Mediterran" tfisser l-ilmijiet fis-subżoni ġeografiki minn 1 sa 27 tal-GFCM, kif definiti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;
- (c) "il-punent tal-Baħar Mediterran" tfisser l-ilmijiet fis-subżoni ġeografiki 1, 2, 5, 6, 7, 8, 9, 10 u 11 tal-GFCM, kif definiti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;
- (d) "il-Baħar Adrijatiku" tfisser l-ilmijiet fis-subżoni ġeografiki 17 u 18 tal-GFCM, kif definiti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;
- (e) "il-Fliegu ta' Sqallija" tfisser l-ilmijiet fis-subżoni ġeografiki 12, 13, 14, 15 u 16 tal-GFCM, kif definiti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;
- (f) "il-Baħar Jonju" tfisser l-ilmijiet fis-subżoni ġeografiki 19, 20 u 21 tal-GFCM, kif definiti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;
- (g) "il-Baħar Levantin" tfisser l-ilmijiet tas-subżoni ġeografiki 24, 25, 26 u 27 tal-GFCM, kif definiti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;
- (h) "il-Baħar Alboran" tfisser l-ilmijiet fis-subżoni ġeografiki minn 1 sa 3 tal-GFCM, kif definiti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;
- (i) "il-Baħar l-Iswed" tfisser l-ilmijiet fis-subżona ġeografika 29 tal-GFCM, kif definita fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011.

¹⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran (ĠU L 347, 30.12.2011, p.44).

TITOLU II

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD

KAPITOLU I

Baħar Mediterran

Artikolu 4

Qroll aħmar

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha tas-sajd minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaħsdu l-qroll aħmar (*Corallium rubrum*), jiġifieri s-sajd immirat u s-sajd rikreattiv fil-Baħar Mediterran.
2. Għas-sajd immirat, l-għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd u l-kwantitajiet massimi tal-istokkijiet tal-qroll aħmar maħsuda mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni kif ukoll l-attivitajiet tal-ħsad tal-Unjoni ma għandhomx jaqbu l-livelli stabbiliti fl-Anness I.
3. It-trażbord tal-qroll aħmar fil-baħar għandu jkun ipprojbit għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni soġġetti għall-paragrafu 2.
4. Għas-sajd rikreattiv, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprojbixxu l-qabda u ż-żamma abbord, it-trażbord jew il-ħatt l-art tal-qroll aħmar.

Artikolu 5

Lampuka

[spazju riżervat għall-miżuri l-ġodda]

KAPITOLU II

Punent tal-Baħar Mediterran

Artikolu 6

Stokkijiet demersali

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbd u l-istokkijiet demersali msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2019/1022, fil-punent tal-Baħar Mediterran.
2. L-isforz tas-sajd massimu permissibbli għall-bastimenti tat-tkarkir u għall-bastimenti tas-sajd bil-konz huwa stabbilit fl-Anness III ta' dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jimmaniġġaw l-isforz tas-sajd massimu permissibbli f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2019/1022 u mal-Artikoli 26 sa 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.
3. L-allokazzjoni tal-limiti massimi ta' qbid fost l-Istati Membri għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet tal-Unjoni tal-punent tal-Baħar Mediterran hija wkoll stabbilita fl-Anness III.

4. L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd mill-Istati Membri, kif stabbilit f'dan l-Artikolu u fl-Anness III, għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) għandha tkun f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
 - (b) għandha tkun mingħajr preġudizzju għal:
 - (i) skambji magħmula skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
 - (ii) tnaqqis u riallokazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;
 - (iii) ħatt l-art addizzjonali permess skont l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 jew skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
 - (iv) kwantitajiet miżmuma f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 jew trasferiti skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
 - (v) tnaqqis magħmul skont l-Artikoli 105, 106 u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Artikolu 7

Mekkaniżmu ta' kumpens

1. Għas-segment tal-flotta kkonċernat, fl-2024, Stat Membru se jkun jista' jagħti lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu allokazzjoni addizzjonali ta' jiem tas-sajd li tkun *pm* % ikkalkulat mil-linja bażi bejn l-2015 u l-2017 ta' dak l-Istat Membru, kif stabbilit fil-paragrafu 4.
2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jgħarraf lill-Kummissjoni bil-lista tal-bastimenti tas-sajd ikkonċernati b'tali allokazzjoni addizzjonali tal-jiem tas-sajd, kif ukoll l-għadd relatat ta' jiem addizzjonali tas-sajd.
3. L-allokazzjoni addizzjonali għandha tiġi kkalkulata mill-isforz massimu permess fil-linja bażi bejn l-2015 u l-2017 għas-segment rilevanti tal-flotta tal-Istat Membru kkonċernat, mill-1 ta' Jannar 2024.
4. Stat Membru jista' jagħti l-allokazzjoni addizzjonali ta' jiem tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 1, diment li bastiment jissodisfa waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) dak il-bastiment juża xibka tat-tkarkir b'manka b'malja kwadra ta' 45 mm sabiex jitnaqqsu b'mill-inqas 25 % l-qabdiet ta' frieħ tal-merluzz;
 - (b) dak il-bastiment juża xibka tat-tkarkir b'manka b'malja kwadra ta' 50 mm għas-sajd fil-baħar fond sabiex jitnaqqsu b'mill-inqas 25 % l-qabdiet ta' gamblu aħmar b'tul tal-karapaċi (CL) ta' inqas minn 25 mm fis-subżoni ġeografiċi 1, 2, 5, 6, 7, 8, 9, 10 u 11, u biex jitnaqqsu b'mill-inqas 25 % l-qabdiet ta' gamblu aħmar kbir b'CL ta' inqas minn 35 mm fis-subżoni ġeografiċi 8, 9, 10 u 11;
 - (c) dak il-bastiment juża rkaptu regolat selettiv ħafna, li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tiegħu jirriżultaw, skont l-istudju xjentifiku mill-STECEF, fi tnaqqis ta' mill-inqas 25 % fil-qabdiet ta' frieħ tal-ispeċijiet demersali kollha jew tnaqqis

ta' mill-inqas 20 % fil-qabdiet ta' ħut riproduttiv tal-ispeċijiet demersali kollha meta mqabbla mal-2020, bħal għarbiel bi spazji ta' mill-inqas 20 mm;

- (d) l-Istat Membru kkonċernat ikun stabbilixxa żoni ta' għeluq temporanji sabiex jitnaqqsu b'mill-inqas 25 % l-qabdiet ta' frieħ tal-ispeċijiet demersali kollha jew b'mill-inqas 20 % l-qabdiet ta' ħut riproduttiv tal-ispeċijiet demersali kollha;
 - (e) l-Istat Membru kkonċernat ikun adotta daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni ġdid għall-merluzz ta' mill-inqas 26 cm, u jkun żgura l-infurzar tal-miżuri tekniċi xierqa biex jikkonforma ma' dan id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni, sabiex jintlaħaq progressivament it-tul fl-ewwel maturità u jittejjeb l-istatus tal-istokkijiet tal-merluzz;
 - (f) l-Istat Membru kkonċernat ikun adotta daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni ġdid għall-gamblu aħmar (*Aristeus antennatus*) ta' mill-inqas 25 mm CL u għall-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) ta' mill-inqas 35 mm CL, u jkun żgura l-infurzar tal-miżuri tekniċi xierqa biex jikkonforma ma' daww id-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni biex jintlaħaq progressivament it-tul fl-ewwel maturità u jittejjeb l-istatus tal-istokkijiet;
 - (g) l-Istat Membru kkonċernat ikun stabbilixxa perjodu ta' għeluq ta' mill-inqas 4 ġimgħat kontinwi għall-attivitajiet tas-sajd bil-bastimenti tat-tkarkir fiż-żoni u l-perjodi rikonoxxuti bħala importanti, abbażi tal-aqwa parir xjentifiku disponibbli, għall-protezzjoni tal-istokkijiet tal-merluzz riproduttiv. Żoni bħal dawn għandhom iqisu wkoll ix-xejriet spazjali tad-distribuzzjoni tal-ħut riproduttiv, inkluż il-fond minn 150 m sa 500 m. Il-perjodi tal-għeluq temporanju tas-sajd għandhom ikunu minn Frar sa Marzu u minn Ottubru sa Novembru.
5. Kull xahar, l-Istat Membru kkonċernat għandu jgħarraf ukoll b'mod separat lill-Kummissjoni bl-isforz implimentat biex jinqata' mill-kwota addizzjonali msemmija fil-paragrafu 1, billi juża kodiċijiet tar-rapportar speċifiċi għal dik l-allokazzjoni.
6. Sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ottubru, l-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha disponibbli relatata mal-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija fil-paragrafu 4, il-punti minn (a) sa (g).

Artikolu 8

Reġistrazzjoni u trażmissjoni tad-data

1. L-Istati Membri għandhom jirreġistraw u jittrażmettu d-data dwar l-isforz tas-sajd lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2019/1022.
2. Huma u jibagħtu d-data dwar l-isforz tas-sajd lill-Kummissjoni f'konformità ma' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-gruppi tal-isforz tas-sajd stabbiliti fl-Anness III.

KAPITOLU III

Baħar Adrijatiku

Artikolu 9

Stokkijiet pelaġiċi żgħar

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha tas-sajd minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbd u s-sardin (*Sardina pilchardus*) u l-inċova (*Engraulis encrasicolus*) fil-Baħar Adrijatiku.
2. Il-livell massimu ta' qabdi ma għandux jaqbeż il-livelli stabbiliti fl-Anness IV.
3. Il-kapaċità massima tal-flotta, mogħtija f'kW, tunnellaġġ gross (GT) u għadd, tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati għall-istokkijiet tal-ħut pelaġiċi żgħar, hija stabbilita fl-Anness IV.
4. L-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandhomx japplikaw meta Stat Membru juża l-flessibilità minn sena għall-oħra prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Artikolu 10

Stokkijiet demersali

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbd u l-merluzz (*Merluccius merluccius*), l-iskampu (*Nephrops norvegicus*), il-lingwata komuni (*Solea solea*), il-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*) u t-trilja tal-ħama (*Mullus barbatus*) fil-Baħar Adrijatiku.
2. L-isforz tas-sajd massimu permissibbli għall-istokkijiet demersali u l-kapaċità massima tal-flotta fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu huma stabbiliti fl-Anness IV.
3. Stat Membru jista' jemenda l-allokazzjoni tal-isforz tas-sajd tiegħu kif stabbilit fl-Anness IV billi jittrasferixxi l-jiem tas-sajd fost il-gruppi tal-isforz tas-sajd tal-istess żona ġeografika u/jew irkaptu, dment li japplika fattur tal-konverżjoni nazzjonali appoġġat mill-aqwa parir xjentifiku disponibbli.
4. L-Istati Membri għandhom jimmaniġġaw l-isforz massimu permissibbli f'konformità mal-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Artikolu 11

Trażmissjoni tad-data

Meta skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, l-Istati Membri jibagħtu lill-Kummissjoni d-data relatata ma' ħatt l-art tal-kwantitajiet tal-istokkijiet maqbuda, għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokk stabbiliti fl-Anness IV.

KAPITOLU IV

Fliegu ta' Sqallija

Artikolu 12

Stokkijiet demersali

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbd u l-merluzz (*Merluccius merluccius*) u l-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*) fil-Fliegu ta' Sqallija.
2. Il-livell massimu ta' qabdiet tal-gamblu abjad ma għandux jaqbeż il-livelli stabbiliti fl-Anness V.
3. L-isforz tas-sajd massimu permissibbli għall-merluzz u l-kapaċità massima tal-flotta, mogħtija f'għadd ta' bastimenti, kW u GT, ta' bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ awtorizzati jistadu għall-istokkijiet demersali fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu huwa stabbilit fl-Anness V.
4. L-Istati Membri għandhom jimmaniġġaw l-isforz tas-sajd massimu permissibbli f'konformità mal-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Artikolu 13

Gamblu abjad

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbd u l-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) u l-gamblu aħmar (*Aristeus antennatus*) fil-Fliegu ta' Sqallija.
2. Il-kapaċità massima tal-flotta, mogħtija f'għadd ta' bastimenti, kW u GT, ta' bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ awtorizzati jistadu għall-istokkijiet demersali fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, hija stabbilita fl-Anness V.
3. Il-livell massimu ta' qabdiet ma għandux jaqbeż il-livelli stabbiliti fl-Anness V.

Artikolu 14

Trażmissjoni tad-data

Meta skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, l-Istati Membri jibagħtu lill-Kummissjoni d-data relatata ma' ħatt l-art tal-kwantitajiet tal-istokkijiet maqbuda, għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokk stabbiliti fl-Anness V.

KAPITOLU V

Il-Baħar Jonju u l-Baħar Levantin

Artikolu 15

Gamblu abjad

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbd u l-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) u l-gamblu aħmar (*Aristeus antennatus*) fil-Baħar Jonju u fil-Baħar Levantin.

2. Il-kapaċità massima tal-flotta, mogħtija f'għadd ta' bastimenti, kW u GT, ta' bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ awtorizzati li jistadu għall-istokkijiet demersali fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, hija stabbilita fl-Anness VI.
3. Il-livell massimu ta' qabdiet ma għandux jaqbeż il-livelli stabbiliti fl-Anness VI.

KAPITOLU VI

Il-Baħar Alboran

Artikolu 16

Paġella Ħamra

1. Dan l-Artikolu japplika għas-sajd kummerċjali u rikreattiv bil-konzijiet u bix-xlief minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jaqbd u l-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fil-Baħar Alboran.
2. Il-livell massimu ta' qabdiet ma għandux jaqbeż il-livelli stabbiliti fl-Anness VII.
3. L-għadd massimu ta' konzijiet u xlief awtorizzati li jistadu għall-istokkijiet tal-paġella ħamra huwa stabbilit fl-Anness VII.
4. Għall-attivitajiet tas-sajd rikreattiv, l-għadd massimu ta' qabdiet għandu jkun limitat għal ħuta waħda għal kull sajjied kuljum. Id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni ta' 40 cm għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) għandu japplika għas-sajd rikreattiv fil-Baħar Alboran. Is-sajd rikreattiv għal din l-ispeċi għandu jkun ipprojbit matul il-perjodu tal-għeluq tas-sajd kummerċjali stabbilit fil-livell nazzjonali.

KAPITOLU VII

Il-Baħar l-Iswed

Artikolu 17

Allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd għal-laċċa kaħla

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbd u l-laċċa kaħla (*Sprattus sprattus*) fil-Baħar l-Iswed.
2. Il-kwota awtonoma tal-Unjoni għal-laċċa kaħla, l-allokazzjoni ta' tali kwota fost l-Istati Membri u l-kundizzjonijiet marbuta mil-lat funzjonali magħha, fejn xieraq, huma stabbiliti fl-Anness VIII.
3. L-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandhomx japplikaw meta Stat Membru juża l-flessibbiltà minn sena għall-oħra prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Artikolu 18

Allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd għall-barbun imperjali

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqdbu l-barbun imperjali (*Scophthalmus maximus*) fil-Baħar l-Iswed.
2. It-TAC tal-Unjoni għall-barbun imperjali applikabbli fil-Baħar l-Iswed, l-allokazzjoni tat-tali TAC fost l-Istati Membri u l-kundizzjonijiet marbuta mil-lat funzjonali magħha, fejn xieraq, huma stabbiliti fl-Anness VIII.
3. L-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandhomx japplikaw meta Stat Membru juża l-flessibbiltà minn sena għall-oħra prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Artikolu 19

Ġestjoni tal-isforz tas-sajd għall-barbun imperjali

Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati li jistadu għall-barbun imperjali fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 19 ma għandhomx jaqbz u l-180 jum tas-sajd fis-sena, irrispettivament mit-tul kumplessiv tal-bastiment.

Artikolu 20

Perjodu ta' għeluq għall-barbun imperjali

Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom ikunu pprojbiti milli jwettqu kwalunkwe attività tas-sajd, inkluż it-trażbord, iż-żamma abbord, il-ħatt l-art, u l-ewwel bejgħ tal-barbun imperjali fl-ilmijiet tal-Unjoni fil-Baħar l-Iswed mill-15 ta' April sal-15 ta' Ġunju.

Artikolu 21

Dispożizzjonijiet speċjali dwar l-allokazzjonijiet tal-opportunitajiet tas-sajd fil-Baħar l-Iswed

L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri kif stabbilit fl-Artikoli 18 u 19 għandha tkun mingħajr preġudizzju għal:

- (a) skambji magħmula skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
- (b) tnaqqis u riallokazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;
- (c) tnaqqis magħmul skont l-Artikoli 105 u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Artikolu 22

Trażmissjoni tad-data

Meta skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, l-Istati Membri jibagħtu lill-Kummissjoni d-data relatata ma' ħatt l-art tal-kwantitajiet tal-istokkijiet tal-laċċa kaħla u tal-barbun imperjali maqbuda fl-ilmijiet tal-Unjoni fil-Baħar l-Iswed, għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokk stabbiliti fl-Anness VIII.

TITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 23

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President